# PROGRAMM FESTA SANTA MARIJA 2017

**<u>Il-Ġimgħa, il-21 ta' Lulju 2017</u>** ***Ikla tal-Festa***

7:00p.m. Tibda t-Tombla, fil-Bitħa tal-Oratorju Marija Immakulata.

8:00p.m. Ikla, fil-bitħa u l-ġnien tal-Oratorju Marija Immakulata. Kull min jixtieq jattendi għandu jibbukkja l-biljetti mingħand il-*helpers* jew iċempel 21433826.

**<u>Il-Ġimgħa, it-28 ta' Lulju 2017</u>**

9:00p.m. Siegħa Adorazzjoni. Nibdew l-festa b'siegħa Adorazzjoni quddiem Ġesú Ewkaristija animata mis-Seminaristi tal-Parroċċa. L-Adorazzjoni se ssir fil-Knisja Arċipretali. Tajjeb li lkoll ninġabru f'ħin ta' talb biex ngħixu din l-festa flimkien ma' Ġesú u Ommna Marija.

**<u>Is-Sibt, id-29 ta' Lulju 2017</u>** ***Ħruġ tal-Istatwa min-Niċċa u Ftuħ tal-Festa***

8:00a.m. Ħruq ta' murtali mill-Għaqda Piroteknika Santa Marija.

12:00p.m. Ħruq ta' murtali mill-Għaqda Piroteknika Santa Marija.

**5:00p.m. Quddiesa fil-knisja Arċipretali**

**6:00p.m. Tingħad it-talba tar-Rużarju mill-membri tal-Oratorju Marija Immakulata.**

**6:30p.m. Quddiesa bil-kant u diskors ta' tħejjija għall-festa mill-Arċipriet Dun Sebastjan Caruana.**

**Ċelebrazzjoni Marjana li fiha l-Istatwa Titulari, titqiegħed f'postha għall-jiem tal-festa, u tingħata l-Barka Sagramentali. Waqt il-ħruġ tal-Istatwa ssir ġabra għall-festa fil-Knisja.**

7:15p.m. Ħruq ta' salut, murtali u kaxxa infernali mill-Għaqda Piroteknika Santa Marija.

7:30p.m. Pellegrinaġġ bir-roti madwar it-toroq tal-Mosta.

9:00p.m. Ħruq ta' murtali u kaxxa infernali mill-Għaqda Piroteknika Santa Marija.

**<u>Il-Ħadd, it-30 ta' Lulju 2017</u>** ***Bidu tal-Kwindiċina***

11:45a.m. Ħruq ta' murtali mill-Għaqda Piroteknika 15 ta' Awwissu.

**5:30p.m. Quddiesa fil-Knisja Arċipretali.**

**7:00p.m. Quddiesa fi Pjazza Dun Ang Camilleri, quddiem l-Oratorju Qalb ta' Ġesu minn Dun Gerald John Micallef, u wara pellegrinaġġ bit-talba tar-Rużarju, li jgħaddi mit-toroq: Barrieri, Gafa, Kungress Ewkaristiku, għall-Knisja Arċipretali. Fi tmiem il-pellegrinaġġ, ikun hemm l-Antifona u tingħata l-Barka Sagramentali fil-Knisja Arċipretali.**

Wara l-pellegrinaġġ, isir programm mużikali mill-Banda Nicolò Isouard quddiem iz-zuntier tal-Knisja.

9:00p.m. Ħruq ta' murtali u kaxxa infernali mill-Għaqda Piroteknika 15 ta' Awwissu.

## JIEM TA' TAGĦLIM

**<u>It-Tnejn, il-31 ta' Lulju 2017</u>** ***Jiem ta' Tagħlim u niftakru fil-Mejtin Tagħna***

### Marija Omm Alla – Sancta Dei genetrix

Il-milja tat-tifħir għal Marija jinġabar fil-frażi 'Marija Omm Alla', vera u unika Omm Alla. Il-Knisja dejjem tfaħħar lil Marija bħala Omm Alla għax għandha ċ-ċertezza tal-fidi fid-divinità

ta' Ġesù, imnissel fil-ġuf verġinali ta' Marija. Waqt li nikkontemplaw l-umiltà ta' Marija u ċ-ċokon li għażel Ġesù insibu lil qalbna tifraħ bil-kobor tal-Mulej.

**6:00p.m.** **Rużarju meditat mill-membri tas-Support Grupp tar-Romol.**
**6:30p.m.** **Quddiesa bil-kant u bl-omelija minn Dun Jimmy Bonnici b'suffraġju għall-erwieħ kollha speċjalment dawk li mietu mill-festa tas-sena l-oħra 'l hawn.**
**Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.**

**<u>It-Tlieta, l-1 ta' Awwissu 2017</u>**

**Omm tal-grazzja t'Alla – Mater divinae gratiae**

Marija kapulavur tal-awtur tal-grazzja, omm Alla issir ukoll omm tal-bniedem mitluf, dak li l-Iben ifittex sabiex ireġġa lura lejn il-pjan stupend tal-imħabba t'Alla. Għalhekk Marija tħalli lil Alla jissorprendiha bit-tislima tal-anġlu: "Sliem għalik mimlija bil-grazzja". U bħala Omm il-grazzja qatt ma tieqaf titlob għall-bniedem fejn tilef is-sigriet tal-hena, fejn it-toqol ma jħallilux spazju għat-tama.

**6:00p.m.** **Rużarju meditat mill-membri tal-Grupp Kariżmatiku Paċi u Sliem.**
**6:30p.m.** **Quddiesa bil-kant u bl-omelija minn Dun Jimmy Bonnici.**
**Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.**

**<u>L-Erbgħa, it-2 ta' Awwissu 2017</u>**

**Omm u xebba – Mater inviolata**

Minn kmieni il-Knisja stqarret din il-verità ta' fidi dwar il-verġinità tal-Madonna. Il-Knisja tadura il-misteru kbir tal-Inkarnazzjoni tal-Iben t'Alla fil-ġuf tal-verġni Marija. U aħna nagħarfu li l-bidu ta' kollox, il-bidu tal-ħolqien, il-bidu tal-istorja tal-bniedem, il-bidu tas-salvazzjoni huwa l-intervent ta' Alla. Jekk irridu nagħtu frott bħal Marija, nitolbu għal fidi sħiħa u umilità profonda.

**6:00p.m.** **Rużarju meditat mill-membri tal-Grupp – Qdusija tal-Kleru.**
**6:30p.m.** **Quddiesa bil-kant u bl-omelija minn Dun Jimmy Bonnici.**
**Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.**

**<u>Il-Ħamis, it-3 ta' Awwissu 2017</u>**

**Omm li tistħoqq l-imħabba – Mater amabilis**

Imsieħba fis-sbuħija tal-qdusija ta' Alla, Marija hija l-mara mlibbsa bl-imħabba, mimlija bid-doni tal-Ispirtu s-Santu u mżejna b'kull virtù. Tattira l-imħabba tal-bnedmin għax twassal it-tgħanniqa ta' Alla għall-bniedem miġruħ u tnissel it-tama fir-ruħ li qed taqta' qalbha. Nitolbuha tnissel fina x-xewqa li nerġgħu nitgħallmu l-arti tal-imħabba.

**6:00p.m.** **Rużarju meditat mill-membri tal-Mixja Neo Katekumenali.**
**6:30p.m.** **Quddiesa bil-kant u bl-omelija minn Dun Jimmy Bonnici.**
**Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.**

**<u>Il-Ġimgħa, l-4 ta' Awwissu 2017</u>**

**Omm il-parir it-tajjeb – Mater boni consilii**

Marija bħala omm il-'kunsillier tal-għaġeb' (Iżaija 9,5) u mimlija bl-'Ispirtu tal-kunsill' issir għalliema li tistieden lil kull min ifittex il-verità sabiex jidħol fl-iskola tal-Iben tagħha. Filwaqt li insellmulha b'dan it-titlu li żied il-Papa Ljun XIII, nitgħallmu minna li fil-ftit kliem tagħha tiggwidana għall-essenzjal.

**6:00p.m.** **Rużarju meditat mill-membri tal-Fraternita Charles de Foucald.**
**6:30p.m.** **Quddiesa bil-kant u bl-omelija minn Dun Jimmy Bonnici.**
**Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.**
7:00p.m. Tibda t-Tombla, fil-Bitħa tal-Oratorju Marija Immakulata.
8:00p.m. Ikla, fil-bitħa u l-ġnien tal-Oratorju Marija Immakulata. Kull min jixtieq jattendi għandu jibbukkja l-biljetti mingħand il-*helpers* jew iċempel 21433826.

**<u>Is-Sibt, il-5 ta' Awwissu 2017</u>** ***Ċelebrazzjoni għall-Kunsill Lokali u l-Għaqdiet Filantropiċi, Sportivi u Politiċi***

**5:00p.m.** **Quddiesa fil-Knisja Arċipretali.**
**6:00p.m.** **Rużarju meditat mill-membri tal-Baned Nicolo Isouard u Santa Marija.**
**6:30p.m.** **Quddiesa bil-kant u bl-omelija mill-Arċipriet Dun Sebastjan Caruana. Wara l-Quddiesa l-membri tal-Kumitati tal-għaqdiet soċjali, se jimxu f'korteo minn Triq il-Kurat Calleja sa ħdejn l-istatwa ta' Santa Marija, fejn hemm jiġu mqiegħda bukketti tal-fjuri mill-kumitati tal-għaqdiet soċjali.**
**Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.**

**<u>Il-Ħadd, is-6 ta' Awwissu 2017</u>** ***Ċelebrazzjoni tal-Magħmudija u Ċelebrazzjoni għaż-Żgħażagħ***

*Issir il-ġabra speċjali b'risq il-festa ta' Santa Marija.*
**5:30p.m.** **Quddiesa minn Dun Emmanuel Camilleri, li fiha jingħata s-Sagrament tal-Magħmudija. Wara l-quddiesa jsir it-tberik tat-trabi u t-tfal żgħar u l-preżentazzjoni lill-Assunta.**
**7:00p.m.** **Quddiesa fil-grawnd tal-Oratorju Qalb ta' Ġesù minn Dun Sergio Fenech li għaliha huma mistiedna ż-żgħażagħ tal-Parroċċa. Wara l-Quddiesa se ssir attivita għaż-żgħażagħ.**

**<u>It-Tnejn, is-7 ta' Awwissu 2017</u>** ***Ċelebrazzjoni għat-Tfal***

**5:45p.m.** **It-tfal kollha jinġabru, ħdejn l-Oratorju Qalb ta' Ġesu.**
**6:00p.m.** **Tibda mixja ta' ferħ ma' Marija bil-kant u bix-xbieha ta' Santa Marija sal-knisja Arċipretali. Din tgħaddi minn Pjazza Oratorju, Triq Stivala, Sant' Anna, Kbira, għall-Pjazza Rotunda.**
**6:30p.m.** **Quddiesa ċċelebrata minn Dun Sebastjan Caruana u animata mit-tfal taċ-ċentri tal-katekiżmu u l-Kor Shalom. Matul il-quddiesa t-tfal jagħtu donazzjoni għal Puttinu Cares. Tingħata tifkira lit-tfal minn Year 1 sa Form 1 taċ-ċentri tad-duttrina li jkunu fil-knisja għall-quddiesa. It-tfal b'diżabilità jkollhom post riservat fuq quddiem.**
**Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika**
Wara l-quddiesa, fuq iz-zuntier tal-Knisja ssir il-preżentazzjoni tat-trofej lit-tfal li ħadu sehem fl-i*sports Rally* tal-festa.

**<u>It-Tlieta, it-8 ta' Awwissu 2017</u>** **Ċelebrazzjoni bis-sehem tal-Familji**
**6:00p.m.** **Rużarju meditat mill-membri tal-Gruppi Familji Nsara.**
**6:30p.m.** **Quddiesa bil-kant u bl-omelija minn Patri John Scicluna S.J. Wara l-omelija, il-koppji li din is-sena jiċċelebraw xi anniversarju speċjali (l-Ewwel sena, 10 snin, 25 sena, 50 sena u 50+) ikunu jistgħu jġeddu l-wegħdiet taż-żwieġ. Dawn huma**

**mitlubin sabiex iċemplu fuq in-numri 79299566, 79066910 u 99225441 sal-Ħadd 6 ta' Awwissu, biex jiġi riservat post għalihom.**
**Waqt l-offerti, il-familji kollha huma mistednin biex joffru oġġetti tal-ikel biex jingħataw lill-familji Mostin fil-bżonn.**
**Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.**

**<u>L-Erbgħa, id-9 ta' Awwissu 2017</u>** **Iż-Żoni tal-Parroċċa**

8:00a.m. Ħruq ta' murtali mill-Għaqda Piroteknika Santa Marija.
12:00p.m. Ħruq ta' murtali mill-Għaqda Piroteknika Santa Marija.
**6:00p.m. Rużarju meditat mill-membri taż-żoni tal-Parroċċa.**
**6:30p.m. Quddiesa bil-kant u bl-omelija minn Dun Rafel De Martino u animata mill-erba' Żoni tal-Parroċċa; il-Bidnija, Sant' Andrija, Ta' Mlit u Santa Margerita. Waqt l-Offertorju, rappreżentanti minn kull żona jtellgħu oġġetti tal-ikel għall-familji fil-bżonn tal-Parroċċa. Dawn l-oġġetti tal-ikel se jkunu nġabru minn qabel fil-kappelel taż-żoni.**
**Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.**
8:45p.m. Ħruq ta' murtali u kaxxa infernali mill-Għaqda Piroteknika Santa Marija.
9:00p.m. Il-Banda Santa Marija tesegwixxi programm mużikali u vokali quddiem iz-zuntier tar-Rotunda.

**<u>Il-Ħamis, l-10 ta' Awwissu 2017</u>** **It-42 *anniversarju mill-inkurunazzjoni u is 17-l anniversarju mit-tqegħid tal-Istellarju tax-xbieha tal-Assunta.***

**Wara l-quddiesa tat-8:30am il-Ministri Straordinarji tat-Tqarbin iqarbnu lill-morda fi djarhom.**
12:00p.m. Ħruq ta' murtali mill-Għaqda Piroteknika 15 ta' Awwissu
**6:00p.m. Rużarju meditat mill-Grupp E.B.D.A.**
**6:30p.m. Quddiesa kkonċelebrata mill-E.T. Mons Isqof Pawlu Darmanin O.F.M. Cap, li fiha jagħmel d-diskors tal-okkażżjoni. Fi tmiem il-quddiesa l-Arċipriet iġedded il-Konsagrazzjoni tal-Parroċċa.**
**Antifona, Te Deum, u tingħata l-Barka Sagramentali.**
8:30p.m. Il-Banda Nicolò Isouard tibda marċ mill-każin li jgħaddi minn dawn it-toroq: il-Kbira, it-Tabib Chetcuti, id-9 ta' April, San Pawl Eremita, il-Wied, il-Kostituzzjoni u Pjazza Rotunda.
9:30p.m. Ħruq ta' murtali u kaxxa infernali mill-Għaqda Piroteknika 15 ta' Awwissu.
11:30p.m. Jingħata bidu għall-ħruq tan-nar tal-art fi Pjazza Rotunda mill-Għaqda Piroteknika 15 ta' Awwissu.

**<u>Il-Ġimgħa, il-11 ta' Awwissu 2017</u>** **L-Ewwel Jum tat-Tridu**
**Ċelebrazzjoni bis-sehem tar-Reliġjużi u tas-Saċerdoti Mostin**

08:00a.m. Ħruq ta' murtali mill-Għaqda Piroteknika Santa Marija
12:00p.m. Ħruq ta' murtali mill-Għaqda Piroteknika Santa Marija
**6:00p.m. Rużarju meditat mill-membri tal-Komunitajiet tas-Sorijiet fil-Parroċċa.**
**6:30p.m. Quddiesa minn Dun Gwann Sammut, Dun Norrie Bonavia u Dun Gwann Caruana li qed jiċċelebraw l-50 anniversarju mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tagħhom. Mistednin wkoll b'mod speċjali s-saċerdoti u r-reliġjużi Mostin.**
**Innu, Antifona u Barka Sagramentali.**

| | |
|---|---|
| 8:30p.m. | Il-Banda Nicolò Isouard tibda marċ mill-każin li jgħaddi minn dawn it-toroq: Pjazza Rotunda, Kurat Calleja, Torri, Xorxa, Ġużeppi Callus, Għarusa tal-Mosta, Gafa, Ċejlu Tonna, Torri, Mitħna l-Qadima, Brittanja, Gnejna, il-Kbira. |
| 9:00p.m. | Ħruq ta' murtali u kaxxa infernali mill-Għaqda Piroteknika Santa Marija. |

**<u>Is-Sibt, it-12 ta' Awwissu 2017</u>** **It-Tieni Jum tat-Tridu**
***Ċelebrazzjoni għall-Morda u għall-Anzjani.***

| | |
|---|---|
| 08:00a.m. | Ħruq ta' murtali mill-Għaqda Piroteknika Santa Marija |
| 12:00p.m. | Ħruq ta' murtali mill-Għaqda Piroteknika Santa Marija. |
| **5:00p.m.** | **Quddiesa fil-Knisja Arċipretali** |
| **6:00p.m.** | **Rużarju meditat mill-membri tal-Grupp Ħniena Divina.** |
| **6:30p.m.** | **Quddiesa għall-morda u għall-irtirati fi djarhom fil-Knisja Arċipretali minn Mons Jor Carabott. Għal din iċ-ċelebrazzjoni, il-Kummissjoni Djakonija se torganizza trasport għal kull min ikun jeħtieġu. Kull min jixtieq it-trasport għandu jċempel 21433826 jew 21413031 sat-8 ta' Awwissu.**<br>**Innu, Antifona u Barka Sagramentali.** |
| 8:30p.m. | Il-Banda Nicolò Isouard tibda marċ mill-każin li jgħaddi minn dawn it-toroq: il- Kbira, Stivala, Barrieri, Lorenzo Gafa, Kungress Ewkaristiku, għal Pjazza Rotunda. |
| 9:00p.m. | Ħruq ta' murtali u kaxxa infernali mill-Għaqda Piroteknika Santa Marija. |

**<u>Il-Ħadd, it-13 ta' Awwissu 2017</u>** **It-Tielet Jum tat-Tridu.**
***Ċelebrazzjoni tal-Membri tal-Għaqdiet u l-Movimenti Ekkleżjali***

**Tajjeb li wieħed jipprepara ruħu billi jersaq lejn is-Sagrament tal-Qrar. Matul dan il-jum u l-jum ta' għada, fil-knisja Arċipretali jkun hemm konfessuri għall-qrar.**

| | |
|---|---|
| 08:00a.m. | Ħruq ta' murtali mill-Għaqda Piroteknika Santa Marija. |
| 08.45a.m. | Tiġrija tar-Roti fi Triq il-Kostituzzjoni minn ħdejn il-Monument tal-Missjunarji Maltin sal-Pjazza Rotunda. |
| 12:00p.m. | Ħruq ta' murtali mill-Għaqda Piroteknika Santa Marija. |
| **5:00p.m.** | **Rużarju meditat mill-membri tal-Leġjun ta' Marija Rġiel u Nisa** |
| **5:30p.m.** | **Quddiesa minn Dun Albert Buhagiar, li għaliha huma mistednin b'mod speċjali, il-membri tal-għaqdiet u l-movimenti ekkleżjali.**<br>**Innu, Antifona u Barka Sagramentali.** |
| 9:00p.m. | Il-Banda Nicolò Isouard iddoqq il-marċ il-kbir li jibda minn tarf Triq il-Kungress Ewkaristiku għal Pjazza Rotunda, sal-każin. |
| 9:00p.m. | Ħruq ta' murtali u kaxxa infernali mill-Għaqda Piroteknika Santa Marija. |

**<u>It-Tnejn, l-14 ta' Awwissu 2017</u>** ***Lejlet il-Festa***

**Ikompli l-qrar matul il-jum.**

| | |
|---|---|
| **8:30a.m.** | **Quddiesa kantata ta' lejlet il-festa minn Dun Salv Borg**<br>**Fi tmiem il-quddiesa jitkanta t-*Te Deum* u l-antifona.**<br>Wara l-quddiesa tat-*Te Deum*: ħruq ta' murtali u murtaletti mill-Għaqda Piroteknika Santa Marija. |
| 11:45a.m. | Ħruq ta' murtali mill-Għaqda Piroteknika Santa Marija. |
| **5:00p.m.** | **Rużarju mill-membri tal-MUSEUM Subien u Bniet** |
| **5:30p.m.** | **Quddiesa tal-Vġili mill-Arcipriet Dun Sebastjan Caruana, bis-sehem tal-Kor Santa Ċeċilja.** |

**6:45p.m.** **Tranżulazzjoni solenni tar-Relikwa mill-Kappella tal-Oratorju Qalb ta' Ġesù sal-Knisja Arċipretali mill-Arċipriet Dun Sebastjan Caruana.**
**L-Ewwel Għasar tal-Assunta, Salve u tingħata l-Barka Sagramentali.**

6:45p.m. Ħruq ta' salut, kaxxa infernali u murtali mill-Għaqda Piroteknika Santa Marija.
Il-Banda Imperial tal-Mellieħa tieħu, sehem fit-Tranżulazzjoni u wara tkompli b'marċ f'dawn it-toroq: Pjazza Rotunda, il-Kbira, Pont, Biċċerin u Kbira. Wara tesegwixxi programm fuq il-planċier fi Pjazza Rotunda.

8:30p.m. Il-Banda Santa Marija tagħmel marċ minn tarf Triq il-Kungress Ewkaristiku sa Pjazza Rotunda.

9:30p.m. Ħruq ta' murtali u kaxxa infernali mill-Għaqda Piroteknika Santa Marija.

11:30p.m. Jingħata bidu għal ħruq tan-nar tal-art fi Pjazza Rotunda mill-Għaqda Piroteknika Santa Marija

<u>It-Tlieta, il-15 ta' Awwissu 2017</u> *L-Għid tal-Assunta.*

**6:00a.m.** **Quddiesa fil-Knisja Arċipretali**

**7:00a.m.** **Quddiesa fil-Knisja Arċipretali**

**8:00a.m.** **Quddiesa fil-Knisja Arċipretali**

**7:45a.m.** **Il-Ministri Straordinarji tat-Tqarbin joħorġu jqarbnu lill-morda fi djarhom.**

8:45a.m. Ħruq ta' murtali mill-Għaqda Piroteknika 15 ta' Awwissu.

**9:15a.m.** **Konċelebrazzjoni pontifikali mmexxija mill-Eċċ. Tiegħu Mons Arċisqof Charles J. Scicluna li jinseġ il-paniġierku tal-okkażżjoni.**

**11:00a.m.** **Quddiesa fil-Katekumenju**

11:00a.m. Il-Banda Santa Marija, bl-inizjattiva tal-istess Banda, tagħmel marċ li jibda minn Triq il-Kungress Ewkaristiku sa Pjazza Rotunda.

11:00p.m. Ħruq ta' murtali mill-Għaqda Piroteknika 15 ta' Awwissu.

**11:30a.m.** **Quddiesa fil-Knisja Arċipretali.**

**4:30p.m.** **Ružarju mill-Moviment Marjan.**

**5:00p.m.** **Quddiesa letta fil-Knisja Arċipretali.**

**6:00p.m.** **Għasar solenni u kant tal-*Ave Regina Coelorum*, jiċċelebra is-Saċerdot Novell, Dun Sinclair Bugeja.**

**6:45p.m.** **Toħroġ il-purċissjoni bl-Istatwa Titulari ta' Santa Marija.**

6:45p.m. Ħruq ta' salut mill-Għaqda Piroteknika 15 ta' Awwissu.

7:00p.m. Il-Banda Santa Marija, tilqa' l-istatwa titulari fil-bieb tal-Knisja bid-daqq tal-Ave Marija. Wara li titkanta l-Ave Marija, tinħaraq kaxxa infernali u murtaletti mill-Għaqda Piroteknika 15 ta' Awwissu. Il-Banda Santa Marija takkumpanja sa quddiem Dar Pax et Bonum u wara tirritorna l-każin b'daqq ta' marċi mit-toroq Ġużeppi Callus u l-Kungress Ewkaristiku.
Meta l-purċissjoni bil-vara tal-Assunta tasal quddiem il-Każin 15 ta' Awwissu, titkanta l-Ave Maria mill-gallarija tal-istess Każin.

7:00p.m. Il-Banda Konti Ruġġieru ddoqq marċ fi Triq il-Kostituzzjoni u Pjazza Rotunda u wara tesegwixxi programm fuq il-planċier, ġewwa Pjazza Rotunda.

8:45p.m. Il-Banda Nicolò Isouard takkumpanja lill-Kor Shalom fil-kant ta' Innijiet Marjani waqt il-purċissjoni fi Triq il-Kungress Ewkaristiku.

9:00p.m. Ħruq ta' murtali u kaxxa infernali, mill-Għaqda Piroteknika 15 ta' Awwissu.

9:45p.m. Tinħaraq skrizzjoni bil-gassijiet minn fuq it-tanbur tar-Rotunda mill-Għaqda Piroteknika 15 ta' Awwissu.
Ħruq ta' nar legger minn fuq diversi bjut fil-Pjazza.

**10:30p.m.** **L-istatwa titpoġġa fuq il-bankun, titkanta l-Antifona u tingħata l-Barka Sagramentali.**
**Il-Kumitati tal-Każini Nicolò Isouard, Santa Marija u 15 ta' Awwissu jingħaqdu flimkien, biex flimkien mal-Arċipriet, iroddu ħajr lil Alla, tal-festa lill-Assunta.**
Il-Banda Nicolò Isouard ddoqq marċ mill-Pjazza Rotunda għal Triq il-Kbira li jispiċċa quddiem il-Każin 15 ta' Awwissu.

**It-Tlieta, it-22 ta' Awwissu 2017** ***Festa ta' Marija Reġina***

**6:00p.m.** **Rużarju meditat mill-membri tal-Azzjoni Kattolika Nisa.**

**6:30p.m.** **Quddiesa ta' ringrazzjament, bil-kant u bl-omelija mill-Arċipriet Dun Sebastjan Caruana. Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Il-membri tal-għaqdiet reliġjużi u soċjali huma mħeġġin biex jieħdu sehem.**